# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 13 ta' Frar 2025**

**Numru 4**

**Rikors Numru 719/2020**

**L-Avukat Malcolm Mifsud 405168M għan nom u in rappreżentanza tal-assenti Mehmet Tatlici detentur tal-passaport Tork bin-numru U21902801**

**vs**

**Ugor Tatlici (ID 156316L) u b'nota tal-4 ta' Novembru 2020 Dr. Douglas Aquilina u Dr. Mark Attard Montalto assumew l-atti fl-interess ta' Ugor Tatlici fil-kwalita tagħhom bħala mandatarji speċjali tal-imsemmi**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Dr. Malcolm Mifsud nomine (ir-rikorrent) tal-14 ta' Awwissu 2020.

Rat ukoll ir-risposta ta' Dr. Douglas Aquilina nomine (l-intimat) tat-2 ta' Novembru 2020 u kif ukoll dik ulterjuri.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha fir-rikors.

Semgħet lill-abbli konsulenti tal-partijiet jittrattaw ir-rikors.

Rat li r-rikors tħalla' għal-lum għas-Sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

Permezz tar-rikors odjern ir-rikorrent irid li jinforza Sentenza tas-Circuit Court ta' Florida ġewwa l-Istati Uniti datata 8 ta' Jannar 2020 kontra l-intimat li kkundannatu jħallas l-ammont ta' sitt mija u disgħa u ħamsin miljun u disgħa mija u tnejn u tletin elf Ewro (€659,932,000).

Din it-talba qegħda ssir ai termini tal-artikolu 827 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi hekk:

*"(1) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu li jiġi minnufih qabel dan ma għandhomx iseħħu:*

*(a) jekk is-sentenza li tagħha tintalab l-esekuzzjoni tista' tkun attakkata għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 811;*

*(b) f'każ ta' sentenza mogħtija fil-kontumaċja, jekk il-partijiet ma kienux kontumaċi skont il-liġi barranija;*

*(ċ) jekk is-sentenza fiha xi dispożizzjonijiet kuntrarji għall-ordni pubbliku jew għal-liġi pubblika interna ta'Malta.*

*(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, l-eċċezzjoni ta' inkompetenza minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-qorti li tat is-sentenza, tista' tingħata taħt id-dispożizzjoni tal-artikolu 811(d),ukoll jekk dik il-qorti tkun iddeċidiet fuq l-eċċezzjoni tal-inkompetenza, fil-każ ta' azzjoni kontra persuna li ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti sew minħabba d-domiċilju jew ir-residenza*

*tagħha, kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx qagħdet minrajha għal dik il-ġurisdizzjoni"*

L-ammont li qiegħed ikun mitlub huwa frott ta' kawża ta' defamazjoni ekwivalenti għal dik lokali li sa ftit ilu kienet regolata mill-Kap 248 tal-Liġijiet ta' Malta u llum sostitwit bil-Kap 593 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti eżaminat sewwa l-atti li mhux biss huma voluminużi iżda kumplessi tenut kont tal-kumplessita' legali tal-liġijiet tal-Istati Uniti. Fir-risposta tal-intimat insibu li qabel xejn ir-rikorrent għandu jippresenta kopja awtentikata u apostillata tas-Sentenza li qed tintalab li tkun esegwita. Kopja ta' din is-sentenza hija esebita, dejjem jekk hija s-Sentenza kollha. Kull ma hi paġna waħda b'monit tad-deputy Clerk *"a true copy of the record in my office* *__with redactions__, if any as required by law...".* B'din id-dikjarazzjoni din il-Qorti tifhem li jista' jkun il-każ li din ma hiex id-deċiżjoni kollha u prova li "*redactions*" ma sarux fl-atti ma hemmx. Prova li fil-fehma tal-Qorti kellha ssir mir-rikorrenti.

Issa skond din il-Qorti l-interita' tas-Sentenza hija essenzjali għaliex ma huwiex id-*deputy clerk* tal-Qorti estera li emmittiha li jiddetermina x'għandu jħalli barra li skond hu jista' jitqies żejjed, iżda sta għall-Qorti li tintalab li tesegwiha li tara dan. Kieku ma kienx hekk kif tista' din il-Qorti teżamina jekk hemmx partijiet minnha li huma "kuntrarji għall-ordni pubbliku" kif tesiġi l-liġi tagħna. Aktar minn hekk li titlob li tesegwixxi Sentenza li tammonta għall-mijiet ta' miljuni mingħajr ma din is-Sentenza tkun motivata hija fil-fehma ta' din il-Qorti kontra l-ordni pubbliku Malti. Dan tant huwa minnu li

jekk Sentenza tagħna ma tirrispettax l-artikolu 218 tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex ma jingħatawx, ir-raġunijiet li fuqhom il-qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha dik titqies li hija nulla. M'huwiex għalxejn li l-liġi tipprovdi li s-Sentenza għandha tkun motivata u li jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun sejset id-deċiżjoni tagħha. Huwa minħabba dawk ir-raġunijiet li wieħed jista' jifhem x'ikun wassal lill-Qorti taqta' l-kawża kif fil-fatt qatgħetha (Ara **Sentenza tat-8 ta' Novmbru, Edward u Mary Rose Borg -vs- Edward u Jane Barlett Prim Awla**).

Skond il-liġi tagħna din hija kwistjoni ta' proċedura u bħal tali din dejjem ġiet meqjusa bħala ordni pubbliku. Huwa paċifiku li l-liġijiet ta' proċedura "*si debbono osservara alla lettera e non per equipollens*" (**Vol XVIII pI p879**). Dan għaliex il-proċedura hi konsiderata liġi ta' ordni pubbliku u in kwantu statwita mil-liġi "*ma tistax tiġi sostitwita bi proċedura oħra, <u>lanqas bil-kunsens tal-parti opposta.</u> B'mod li l-eċċezzjoni relattiva jekk ma tiġix sollevata mill-parti l-oħra, jew tiġi rinunzjata, għandha tiġi mill-Qorti sollevata 'ex officio'*"(**Vol XXXVI pI p204; Vol XLIV pI p421**).

Il-Qorti qed tagħmilha ċara, li b'ebda mod ma trid tidħol fil-mertu ta' dak deċiż mill-Qorti estera, f'dan il-każ dik Statunitensi, pero' hija xorta intitolata li tassigura li sentenza barranija tirrispetta l-forma proċedurali lokali meta tkun ta' ordni pubbliku. Din ir-regola, tant hija ta' ordni pubbliku li l-partijiet ma jistgħux jeżentaw lill-Qorti milli tosserva dak li jitlob artikolu 218 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex kull wieħed mill-partijiet xorta jkun jista' jattakkaha.

Jekk min-naħa l-oħra s-Sentenza esebita hija biss parti minn dik tassew mogħtija, għax ġiet epurata mid-Deputy Clerk ta' dik il-Qorti estera, din il-Qorti ma tistax tordna l-esekuzzjoni tagħha, għaliex l-Istitut in eżamina jesiġi li l-Qorti jkollha quddiemha s-Sentenza sħiħa. Jekk ma jkunx hekk allura x'esekuzzjoni tkun din?

Apparti dan kollu, il-Qorti ma setgħetx ma tiħux kont tal-fatt li l-ammont ta' tant miljuni ta' ewro huma b'konsegwenza ta' azzjoni ta' defamazzjoni. L-istess rikorrenti jilqa' għal dan l-aspett fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu meta jgħid hekk:

"*Illi l-intimat jista' jargumenta li din is-sentenza hija dik li jgħidulha SLAPP, jiġifieri Startegic Lawsuit Against Public Participation. L-azzjoni u s-sentenza tikkonċerna mal-fama estrema li l-intimat ...*" Jargumenta wkoll li l-artikolu 8 tal-avviż legali 177 tal-2024 meta s-Sentenza mertu ta' dawn il-proċeduri ingħatat fl-2020.

Il-Kawża li r-rikorrent qed jittenta jesegwixxi hija waħda ta' defamazjoni b'danni stratoferiċi li ma huma xejn kompatibbli mal-mod kif l-Istat Malti dejjem ħares lejn din l-azzjoni. L-Istat Malti dejjem ried li fil-waqt min ikun responsabbli għal defamazzjoni jiġi kundanat somma, ma jridx fl-istess ħin li din ikollha *chilling effect* mhux biss fuq l-individwu iżda fuq is-Soċjeta' in ġenerali u partikularment fuq il-*media*. L-Istat tant ma jridx li dan jiġri li meta ġietu l-opportunita li jawmenta d-danni dan xorta ma għamlux tant li meta il-Kap 148 tal-liġijiet ta' Malta ġie sostitwiet bil-Kap 597 il-massimu ta' danni baqa' l-istess.

Ir-rikorrent fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu lemaħ li l-intimat ser ikun qed jargumenta b'dan il-mod (a' fol 606). Il-Qorti hija konsapevoli tas-sensittivita' ta' din il-materja partikolarment bl-introduzzjoni ta' L.S 460.40 li jaħseb b'mod partikolari għal Sentenzi emmessi minn Tribunali jew minn Qrati esteri fejn pajjiżhom ma jkunx membru tal-Unjoni Ewropeja. Issa kawżi ta' din ix-xorta jistgħu jkunu jikkonsistu f'għadd ta' Kawżi kontra l-istess persuna jew billi l-liġi tkun takkorda ammonti fenominali li jistgħu jipparalizzaw lil dak li jkun. Jidher li l-liġi ta' Florida taqa' fl-aħħar kategorija. Issa hawnhekk irridu nżommu distinti bejn id-dritt tar-rikorrent li qed jitlob l-esekuzzjoni tas-Sentenza u l-effett li din jista' jkollha fuq ir-reġim legali Malti fid-dawl ta' dak spjegat aktar 'l fuq.

Il-Qorti hija tal-fehma soda li l-Istat Malti ma jippermettix dawn ix-xorta ta' danni fil-każ ta' defamazzjoni u għalhekk hija materja ta' ordni pubbliku. Li kieku din il-Qorti kellha tapprova l-esekuzzjoni ta' din is-Sentenza tkun qed tħalli li jidħol mit-tieqa dak li l-Istat Malti ma jridx jidħol mill-bieb għax altrimenti kull ċittadin Malti jista' jkun espost għall-proċeduri fl-Istati Uniti jekk ikun każ ta' fehma espressa *on line* jew fuq xi sit elettroniku u li b'kawża ta' hekk issir kawża kontra persuna Maltija ġewwa l-Istati Uniti. Għalhekk il-Qorti tqies li hawn si tratta anke ta' ordni pubbliku għaliex l-Istat Malti għandu għal qalbu iktar id-dritt tal-espressjoni milli d-detterent pekunjarju. Il-Qorti setgħet waqfet hawn pero tħoss li għandha tindirizza l-ġurisdizzjoni għax anke dan huwa lment ta' ordni pubblika.

Kwantu għall-kwistjoni ta' ġurisdizzjoni, din il-Qorti ħa taraha minn ottika daqsxejn differenti mill-partijiet. Ma hemm ebda dubbju li r-rikors odjern, għalkemm mhux ġuramentat għandu jkun meqjus bħala Kawża. Huwa ritenut b'awtorità li jekk deċiżjoni tagħlaq il-kwistjoni din tkun sentenza; jekk, min-naħa l-oħra, din tipprovdi biss dwar episodju jew aspett proċedurali matul il-kwistjoni, allura titqies bħala digriet.

Dak li jikkostitwixxi Sentenza hija d-definittività tagħha, fis-sens ta' *quando terminat negotium de quo agitur*. (Ara **Sentenza tas-27 ta' Settembru, 2019 fl-ismijiet Marina Milling & Grain Handling Co. Limited -vs- Euro Imports Limited Prim Awla**). M'hemm ebda dubbju li dak li trid tiddetermina l-Qorti fil-każ tal-lum jammonta għal Sentenza li hija wkoll appellabbli immedjatament mingħajr ħtieġa ta' awtorita' mill-Qorti.

Issa l-Qorti tosserva li r-rikorrent fin-nota' ta' osservazzjonijiet tiegħu jiddikjara li "*Mill-provi prodotti l-intimat minkejja li xtara passaport Malti permezz ta' Individual Investment Programm ftit tas-snin ilu, huwa residenti u domiċilju t-Turkija ... mill-provi prodotti ma hux residenti Malta."* (a' fol 606). Għalhekk dan ifisser li ġialadarba din hija kawża li din il-Qorti ma għandiex ġurisdizzjoni li titratta dan ir-rikors għaliex artikolu 472(1)(a) jiddisponi li l-Qorti għandha ġurisdizzjoni fuq "ċittadini ta' Malta, sakemm ma jkunux stabbilew id-domiċilju tagħhom band'oħra". Issa ex-admissis ir-rikorrent jgħid li għalkemm huwa ċittadin Malta imma ma hux domiċiljat Malta. Għalhekk din il-Qorti f'dan ir-rigward ma għandiex ġurisdizzjoni biex tordna l-esekuzzjoni abbażi tal-fatt waħdu li l-intimat hu ċittadin Malti.

Issa mir-rikors odjern jista' ukoll jiġi argumentat li r-rikorrent nomine qiegħed jirradika l-ġurisdizzjoni quddiem dawn il-Qrati abbażi ta' dak li jiddisponi l-artikolu 742(c) tal-Kap 12 tal-Liġijiet, għaliex dawn għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu l-kawżi fir-rigward ta' "*Kull persuna, f'kawża dwar ħwejjeġ li qegħdin jew li jinsabu f'Malta*". (Emfażi tal-Qorti). F'dan is-sens ir-rikorrent jippremetti li l-intimat għandu assi ġewwa Malta għaliex huwa s-sid ossia UBO ta' żewġ kumpaniji li jisimhom Mayna Ltd u Conytra Limted, it-tnejn reġistrati hawn Malta. Apparti li fl-atti ma hemm xejn li juri dan il-Qorti tagħmel referenza għal dak li jgħallmu dawn il-Qrati meta intqal li , 'Lanqas ma jidher li tista' tapplika ċ-ċirkostanza msemmija fl-artikolu 742(1)(ċ) għaliex dik id-dispożizzjoni tapplika għal azzjoni reali dwar ħaġa li tkun tinsab f'Malta, filwaqt li l-kawża preżenti hija waħda personali, sewwasew konsistenti f'talba għall-ħlas ta' kreditu' (Ara **Sentenza tas-16 ta' Ottubru, 2003 fl-imsijiet Angelo Cutajar & Sons Limited -vs- Dr. Anthony Cremona et**). Apparti hekk biex tkun radikata ġurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati, anke f'dawn il-proċeduri, il-kwistjoni trid tkun tirreferi u għandha x'taqsam mal-ħwejjeġ li hawn Malta. Dan ma hux il-każ għaliex il-Kawża li jesegwixxi r-rikorrent ma għandha x'taqsam xejn ma' l-isħma minnu msemmija imma hija waħda purament ta' defamazzjoni.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda għar-raġunijiet fuq imsemmija tiċħad it-talbiet rikorrenti.

Spejjes għar-rikorrent.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**